# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 13/2018

3 ta' Diċembru, 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati misSindku u mis-Segretarju Eżekuttiv

13.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 12.2.8 issa li kienet tlestiet parti waħda tat-triq u kellhom jibdew bil-parti l-oħra.

13.2.3 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx sar il-ftehim rigward il-planting scheme ref punt 12.2.9 Is-Sindku qal illi s'issa ma kien ghadu sar l-ebda ftehim uffiċjali.

13.2.4 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.2.11 kienu segwewh huwa flimkien mas-Sindku u li kien fadal kien l-aħħar irtokk.

13.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.2.12 il-ħanut tal-kantuniera għandha tidħol 'f'Misraħ San Mattew'.

13.2.6 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.3.1 rigward il-monitors għandha tidħol 'tal-Arkeloġija'.

13.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.3.5 għandha tiġi 'minn ġo bir antik fil-Karwija'.

13.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 12.3.3 il-Kunsill flimkien mal-Perit tal-Kunsill kienu ltaqgħu mal-kuntrattur u l-Perit tagħha u kien intlaħaq ftehim illi l-kuntrattura għandha tirranġa l-parti tan-nofs tat-triq. Is-Sindku qal illi l-Kuntrattura kellha tavża lil-Kunsill meta is-surveyor kellu jmur jagħmel il-marki sabiex ikun hemm rappreżentant tal-kunsill preżenti pero' dan kien mar bla ma konna avżati. Il-Viċi Sindku ikkonferma dak kollu li qal is-Sindku u li huwa kien mar sabiex jispezjona l-marki tas-surveyor. Il-Viċi Sindku qal illi iż-żewġ points li kienu saru ma kienux tajbin. Il-Kunsill qabel illi jekk il-kuntrattura tibqa' titratieni sabiex tirranġa t-triq u l-Kunsill ma jlaħħaqx sabiex jagħmel il-pagamenti fil-ħin, din ma tistax twaħħal fil-Kunsill għaliex issa ilha żmien twil titratieni.

13.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 12.3.4 konniex iċċekjajna jekk kellux żball fil-kejl tat-triq. Is-Sindku qal li din għandha tiġi diskussa aktar tard skond l-agenda.

13.2.10 Is-Sindku qal illi ref punt 12.3.7 kien talab sabiex tal-inqas dak inhar tal-iffirmar tat-town twinning il-Viċi Sindku u l-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla jkunu preżenti ukoll. Is-Sindku qal illi l-aħħar laqgħa ma kienx għadu jaf illi għal dan it-town twinning il-flights ma kienux koperti bħas- soltu. Is-Sindku issuġerixxi li peress li sejrin fuq xogħol tal-Kunsill, il-flights ikunu koperti mill-kunsill u min ried bagalja jew single room kellu jħallas huwa. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.2.11 Is-Sindku qal illi l-party tat-tfal kellu jsir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru 2018, l-ikla tal-istaff il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2018. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kapillan kien infurmah illi il-kunċert tal-Milied kellu jsir nhar il-Ħamis 3 ta' Jannar 2018.

13.2.12 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward il-parkeġġ tal-Car Sharing li kienet qiegħda pparkjata fil-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi wara l-aħħar laqgħa kienet kitbet lil Transport Malta bid-deċiżjoni tal-Kunsill illi dan il-parkeġġ jimxi għal Triq il-Menqa, u li kienet għamlet kuntatt ukoll bit-telefon pero' kienet għadha qiegħda tistenna konferma li Transport Malta qablu ma din id-deċiżjoni.

13.3 **Komunikazzzjoni mis-Sindku**

13.3.1 1s-Sindku qal illi fi Triq il-Kuċċard, il-Monitor tal-Arkeoloġija kien beda. L-area fi Triq il-kuċċard kienet sensittiva ħafna u li kienu sabu xi ġebel li riedu jispezzjonawhom. Is-Sindku qal illi issa jrid isir rapport li jgħaddi għand is-Superintendence of Cultural Heritage u li qabel isir dan ma jista jsir l-ebda xogħol f'din it-triq.

13.3.2 Is-Sindku qal illi il-fondi għal Ġnien Sir Alexander Ball kienu ġew approvati u li l-permess għax-xogħol fl-istess ġnien kien ġie approvat ukoll. Is-sindku qal illi l-Kunsill kien ħa l-massimu tal-fondi jiġifier €57,850 li ser jkopru r-restawr u l-*green infrastructure* għal ġewwa tal-Ġnien. Is-Sindku qal issa jmiss li jinħarġu t-tender għax-xogħolijiet li għandhom jitlestew fl-aħħar ta' April. Is-sindku ssuġġerixxi li għal dawn ix-xogħolijiet jkollna Project Manager sabiex naraw li x-xogħol isir kif suppost. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi kien lest li jkun l-Project Manager fuq dan il-proġett senza interessi. Is-Sindku qal illi anki l-Perit Stefan Cassar kien lest li jgħin bħala Project Manager għal embellishemnt tal-istess gnien.

*13.3.3* Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa ref punt 11.1.1 li kienu approvaw l-ismijiet tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-ismijiet li kien issuġerixxa l-Kunsill kienu ġew approvati mill-bord tal-ismijiet tat-toroq u issa konna qiegħdin nistennew linja ta' gwida x'għandna nagħmlu bħala Kunsill.

*13.3.4* Is-Sindku qal illi l-Kappillan u s-Segretarju tal-Każin kienu staqsewh meta ser niċċelebraw Jum Ħal Safi fis-sena 2019. Il-Kunsill qabel illi s-sena d-dieħla Jum Ħal Safi niċċelebrawh nhar il-Ħadd 7 ta' April.

Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat minn Blue Light Fundation sabiex norganiżżaw attivita flimkien li l-għan tagħhom huwa li jqajmu għarfien fost il-poplu dwar ix-xoghol li jsir mill-forzi tal-ordni u l-first responders. Is-Sindku qal li jaħseb li tkun xi ħaġa sabieħa kieku nabbinawha ma' Jum Ħal Safi. Is-Sindku qal illi s'issa kien għadu għaddej b'diskussjonijiet preliminarji u li kien ser jagħti aktar informazzjoni aktar il-quddiem.

13.3.5 Is-Sindku qal illi t-tiżjin tal-Milied konna qbilna li nżidu żewġ angli u żewġ christmas trees u li l-Każin kienu qiegħdin jitolbu li jgħollu l-prezz għat-tiżjin. Il-Kunsill qabel illi għandna nitolbuhom kwotazzjoni.

13.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva petizzjoni kontra żvilupp fi Triq l-Ibraġġ il-parti quddiem iċ-Ċimiterju fejn qabel kien hemm propost ta' playing fields. Is-Sindku qal illi kien irċieva anki xi telefonati sabiex joġġezzjonaw kontra dan l-iżvilupp. Huwa qara l-petizzjoni lill- Kunsilliera u wara saret diskussjoni. Is-Sindku issuġerixxa illi għandna nagħtu appoġġ lil min qiegħed jagħmel din il-petizzjoni u għaliex nemmnu wkoll illi għandna nippreservaw id- daħla tar-raħal tagħna minn dan l-izvilupp propost. Is-Sindku ssuggerixxa li nqabbdu espert ambjentali sabiex iressaq l-opinjonijiet tagħna u jkun jista' wkoll jidħol mill-aspett legali sabiex l-oġġezzjoni tagħna tkun aktar effettiva. Il-Kunsill qabel unanimament u qabel ukoll illi l-Kunsill għandu jikteb lit-Taqsima Ambjent tal-Knisja peress li l-binja ser tiġi eżatti fuq iċ-ċimiterju.

13.3.7 Is-Sindku ppreżenta l-lista tan-nies housbound lil Kunsilliera sabiex kulħadd jiddentifika kienx hemm xi tibdil fiha. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi qabel konna anki nżuru lil min qiegħed fid-djar tax-xjuħ. Is-Sindku qal illi konna għaddejna l-lista lil Kappillan sabiex anki huwa jinfurmana b'xi tibdil li kien hemm.

13.3.8 Is-Sindku qal illi kien attenda laqgħa rigward il-problema tar-rimi tal-iskart u qal illi il-quddiem ser ikun hawn *Community Officers* li ser jibdew jagħtu ċ-ċitazzjonijiet lil min jabbuża mill-iskart. Is-Sindku qal ukoll illi xi kunsilli kienu qiegħdin jitolbu s-servizz tal-green wardens għal prezz ta' €30 is-siegħa. Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nidħlu f'dawn l-ispejjeż.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla staqsiet konniex tlabna għal stima għal patching fejn kienet inqalgħet l-isleeping policeman fi Triq il-Feniċi. Is-Sindku qal li fil-frattemp kien ħaseb illi jekk jaqblu r-residenti nistgħu nerġgħu nagħmlu sleeping policeman tal-lastiku li tista' ttaffi l-problema u l-Kunsill ma jkunx daħal f'ħafna spejjeż żejda. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta u għandna nitolbu għal stima.

13.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-ħarġa kulturali kienet ser issir nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar 2018.

13.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi triq San Gorg mal kantuniera qiegħed ikun hemm karozza pparkjata li qed toħloq periklu kbir. Is-Sindku qal illi kien ser jara fuq il-post sabiex naraw x'għandu jsir sabiex jitnaqqas il-periklu.

13.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk triq l-Iskola kinitx ser tinqala' kollha. Is-Sindku qal li kienet ser tinqala' kollha, ir-raġuni sabiex jirranġaw l-qlib tal-ilma tax-xita lejn Triq il-Kuċċard.

## 13.5 Xiri tal-Arja Kondizzjonata għal-librerija

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skond l-inizjattiva li konna aplikajna għaliha kellna nixtru arja kondizzjonata għal librerija. Hija qalet illi kienet talbet għal kwotazzjonijiet u l-orħos wieħed kien il-Gree għal prezz ta' 1045. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħżlu l-orħos kwotazzjoni.

## 13.6 Attivatijiet Milied

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet talbet għal kwotazzjoni tal-animation għal waqt l-ikla tal-Anzjani u din is-sena kien qiegħed jitlobna €260. Il-Kunsill qabel illi xorta għandna nqabbdu lil dan l-*entertainer* għaliex imur tajjeb ħafna mal-anzjani .

## 13.7 Performance Appraisal tal-Ħaddiema

13.7.1 Is-Sindku qal illi s-sena l-oħra konna tajna 4% lil wieħed mill-impjegati u 6% lit-tieni impjegat. Is-Sindku qal illi l-impjegat li kien ħa 6% s-sena l-oħra baqa' ħabrieki u m'għandniex xi ngorru u għalhekk issuġerixxa li ħaqqu li jerġa' jieħu l-full appraisal ta' 6%, filwaqt illi l-iskrivan l-ieħor din is-sena kien qiegħed jikkopera ħafna u ssuġerixxa li din is-sena naghtuh 6% . Il- Kunsill qabel.

13.8 Stima Sqaq Ħannux

13.8.1 s-Sindku qal illi l-aħħar laqgħa l-istima li kellna għal sqaq Ħannux kien hemm żball fil-kejl u għalhekk issa l-istima bil-qisien ġodda hija verament orħos. Huwa qal illi b'din l-istima ser ikollna idea ta' kemm ġej ix-xogħol pero' ovjament il-prezz eżatt ikun skond il-kejl ta' xogħol li jkun sar wara li jiġi ċertifikat mill-perit tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-istima għal Sqaq Ħannux kienet ta' €12,774 u qal illi fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jkompli jagħti wiċċ bil-konkos bil-print u l-kulur dan l-isqaq. Il-Kunsilliera qablu li għandna nagħmlu dan ix-xogħol skond din l-istima.

13.9 Planting Scheme Area ta' Gawhar

13.9.1 Is-Sindku ta' kopja tas-suggeriment ta' Ambjent Malta kif ser jiġi l-planting scheme għal area ta' Gawhar. Huwa qal illi l-Kunsill obligat li jnaddaf l-area qabel ma jinżergħu s-siġar u wara jkun obligat bit-tisqija. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li jitħawlu dawn is-siġar. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.10 Korrispondenza

13.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet bagħtet korrispondenza rigward xiri ta' żewġ kotba li l-qligħ minnhom kien ser imur għal Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtru dawn iż-żewġ kotba.

13.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

13.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-5:35pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar 2019 fit-3:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |